

Brussell, 1 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

15705/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0040 (COD)**

**CODEC 1874
SIMPL 187
ANTICI 186
ECOFIN 1560
EF 380
DRS 91
COMPET 1207
FIN 1411
COH 228
PE 92**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2015/1017, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695 u (UE) 2021/1153 fir-rigward taż-żieda fl-effiċjenza tal-garanzija tal-UE skont ir-Regolament (UE) 2021/523 u fir-rigward tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tar-rappurtar - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strażburgu, mill-24 sas-27 ta' Novembru 2025)

I. INTRODUEZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u mad-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar din il-proposta fl-ewwel qari.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għall-Baġits (BUDG), Johan VAN OVERTVELDT (ECR, BE), u l-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON), Aurore LALUCQ (S&D, FR) ippreżentaw, rispettivament f'isem BUDG u ECON, emenda ta' kompromess (l-emenda numru 2) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq, li fir-rigward tagħha Aura SALLA (PPE, FI) u Irene TINAGLI (S&D, IT) kienu ħejjew abbozz ta' rapport. Din l-emenda kienet ġiet maqbula matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Barra minn hekk, il-grupp politiku Ewropa tan-Nazzjonijiet Sovrani (ESN) ressaq sitt emendi (l-emendi numru 3 sa 8).

II. VOT

Meta vvotat fis-26 ta' Novembru 2025, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 2) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Ma ġiet adottata ebda emenda oħra. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument^{2*}.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li ġiet maqbul qabel bejn l-istituzzjonijiet. Għalhekk, il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet mat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

P10_TA(2025)0296

Iż-żieda fl-effiċjenza tal-garanzija tal-UE skont ir-Regolament dwar l-InvestEU u s-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tar-rappurtar

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2015/1017, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695 u (UE) 2021/1153 fir-rigward taż-żieda fl-effiċjenza tal-garanzija tal-UE skont ir-Regolament (UE) 2021/523 u fir-rigward tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tar-rappurtar (COM(2025)0084 – C10-0036/2025 – 2025/0040(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0084),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 172 u 173, l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu, l-Artikolu 182(1), l-Artikolu 183, l-Artikolu 188, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0036/2025),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-29 ta' April 2025¹,
- wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Reġjuni,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitati responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-8 ta' Ottubru 2025, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Affarjiet Ekonomiċi u Monetarji skont l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura,
- wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,

¹ ĠU C, C/2025/3199, 2.7.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/3199/oj>.

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0117/2025),
- 1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
- 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
- 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tas-26 ta' Novembru 2025 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2015/1017, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695 u (UE) 2021/1153 fir-rigward taż-żieda fl-effiċjenza tal-garanzija tal-UE skont ir-Regolament (UE) 2021/523 u fir-rigward tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rappurtar

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 172 u 173, l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu, l-Artikolu 182(1), l-Artikolu 183, l-Artikolu 188, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 194 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Wara li *kkonsultaw mal-Kumitat* tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja⁵,

⁴ ĠU C, C/2025/3199, 2.7.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/3199/oj>.

⁵ *Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2025.*

Billi:

- (1) L-Unjoni qed tiffaċċja ħtiġijiet ta' finanzjament kbar ħafna biex twettaq l-oġettivi tagħha fl-oqsma tal-innovazzjoni, tat-tranżizzjoni *ekoloġika* u diġitali, u tal-investment soċjali u l-ħiliet, filwaqt li jeħtieġ li jiġi indirizzat sfond kumpless li jaffettwa l-kompetittività u l-bażi industrijali tal-Unjoni kkaratterizzat minn dinamika globali li qed tinbidel, tkabbir ekonomiku bil-mod, tibdil fil-klima aċċellerat u degradazzjoni ambjentali, kompetizzjoni teknoloġika u tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu. *F'dak il-kuntest, it-tisħiħ tal-awtonomija tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tal-enerġija, billi jiġu appoġġati investimenti li jsaħħu sistema u teknoloġiji tal-enerġija nadifa bbażati fuq l-enerġija rinnovabbli, huwa essenzjali biex jitnaqqsu d-dipendenzi u biex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà ekonomika u politika.*
- (2) *L-addizzjonalità u l-effett ta' lieva tal-garanzija tal-UE huma l-pedament kemm tal-fond Ewropew għall-investimenti strateġiċi, stabbilit bir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, (FEIS) kif ukoll tal-Programm InvestEU stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, li jippermettu, b'mod partikolari, l-espansjoni ta' teknoloġiji u kumpaniji ġodda u innovattivi, u t-tneħħija tar-riskji tal-investment għall-investituri privati. Is-sorveljanza mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tgħin biex jiġi żgurat li l-garanzija tal-UE tintuża f'konformità mal-oġettivi tal-Programm InvestEU.*

⁶ *Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/1017/oj>).*

⁷ *Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jstabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/523/oj>).*

- (3) Ir-rapport bit-titolu “Il-futur tal-kompetittività Ewropea” (ir-“rapport Draghi”) jivvaluta li l-ħtiġijiet ta’ investimenti addizzjonali kkombinati fl-Ewropa huma ta’ EUR 750-800 biljun fis-sena sal-2030, **li minnhom EUR 450 biljun huma meħtieġa għat-tranżizzjoni tal-enerġija waħedha**. Dak l-ammont jinkludi somma sostanzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Huwa kruċjali li jkun żgurat investiment pubbliku u privat suffiċjenti ħalli tingħata spinta lit-tkabbir tal-produttività u jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni, jiġu sfruttati l-investimenti privati bl-oġettiv li tiġi dekarbonizzata l-industrija, jiġihaffu l-produzzjoni, il-ħżin u l-użu tal-enerġija nadifa u l-elettrifikazzjoni, jissaħħu l-interkonnessjonijiet u l-grilji, jiġu avvanzati l-mudelli tan-negozju sostenibbli u ċirkolari, titrawwem ir-rinnovazzjoni **sostenibbli** tal-bini, tissawwar il-manifattura tat-teknoloġija nadifa u tat-teknoloġiji diġitali, u li dawn jixterdu fis-setturi ekonomiċi kollha.
- (4) **L-Unjoni għaddejja minn kriżi tal-akkomodazzjoni li hija kkaratterizzata minn żewġ falliment tas-suq, jiġifieri nuqqas ta’ akkomodazzjoni affordabbli u soċjali u l-inkapaċità li jitnaqqas id-distakk fl-effiċjenza fl-enerġija. Permezz ta’ garanzija akbar tal-UE disponibbli taħt t-tieqa ta’ politika għall-investiment soċjali u l-ħiliet tal-Fond InvestEU u ta’ viżibbiltà u aċċessibbiltà msaħħa tal-appoġġ finanzjarju fir-rigward tal-akkomodazzjoni, l-Unjoni u s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni ta’ InvestEU jistgħu jipprovd u appoġġ sostanzjali għall-prijorità ewlenija tal-investimenti soċjali u tal-ħiliet, inkluż għal akkomodazzjoni soċjali affordabbli, filwaqt li jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.**

- (5) *Fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-Unjoni qed tiffaċċja ħtieġa akuta li ssaħħa b'mod sinifikanti s-sigurtà, il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża u l-mobbiltà militari tagħha. Permezz ta' garanzija akbar tal-UE disponibbli taħt t-twieqi ta' politika rilevanti tal-Fond InvestEU, viżibbiltà u aċċessibbiltà msaħħa tal-appoġġ finanzjarju fir-rigward tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), tal-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja (mid-caps) u tan-negozji ġodda fil-katina tal-provvista tad-difiża, l-Unjoni u s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni tal-InvestEU jistgħu jipprovdu appoġġ importanti għal din il-prijoritàewlenija.*
- (6) *Inizjattivi bħall-faċilità ta' garanzija ta' kreditu għall-esportazzjoni tal-InvestEU għandhom rwol importanti fl-appoġġ għall-ekonomija Ukrena. Parteċipazzjoni wiesgħa mill-aġenziji Ewropej ta' kreditu għall-esportazzjoni hija kruċjali għall-effettività ta' dik il-faċilità.*
- (7) *In-networks u s-servizzi tat-trasport li jiffunzjonaw tajjeb huma importanti biex tiġi żgurata tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika filwaqt li tissaħħa il-kompetittività tal-Unjoni. F'dak ir-rigward, huma meħtieġa investimenti fin-networks trans-Ewropej tat-trasport biex jitlestew il-konnessjonijiet neqsin u biex tiġi mmodernizzata l-infrastruttura tat-trasport, fejn jeżistu distakki kbar ħafna fil-finanzjament pubbliku u privat.*

- (8) Il-Fond InvestEU huwa l-għodda ewlenija fil-livell tal-Unjoni biex il-finanzjament pubbliku u privat jiġi sfruttat ħalli jappoġġa firxa wiesgħa ta' prioritajiet ta' politika tal-Unjoni. Permezz tan-network komprensiv tiegħu ta' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, inklużi l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), il-Fond Ewropew tal-Investment (FEI), istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra u banek u istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali, il-Fond InvestEU qed jipprovdi l-finanzjament tant meħtieġ permezz tal-kapaċità tiegħu ta' kondiviżjoni tar-riskju. L-evalwazzjoni interim ta' InvestEU, li tlestiet fl-2024, enfasizzat li l-garanziji baġitarji huma intrinsikament effiċjenti għall-baġit tal-Unjoni u kkonfermat li l-Programm InvestEU kien fit-triq it-tajba biex jimmobilizza l-investment, b'impatt mistenni notevoli fuq l-ekonomija reali. Madankollu, l-approvazzjonijiet tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment taħt l-Programm InvestEU ħafna minnhom sehew fil-bidu nett, u għalhekk, jekk ma tittiħidx azzjoni li tindirizza l-kwistjoni, approvazzjonijiet ġodda għal xi prodotti finanzjarji jistgħu jieqfu wara l-2025.

- (9) Huwa importanti li l-kapaċità finanzjarja tal-Fond InvestEU tiżdied u tintuża b’mod aktar effiċjenti meta tiġi kkombinata ma’ riżorsi li se jsiru disponibbli taħt l-FEIS u strumenti ta’ legat oħra, jiġifieri l-Istrument tad-Dejn tal-FNE stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ u l-Faċilità tad-Dejn tal-InnovFin stabbilita skont ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013⁹ u (UE) Nru 1291/2013¹⁰ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, implimentati mill-Grupp tal-BEI. Dawk il-kombinamenti jistgħu jnaqqsu d-dħul tal-baġit minn dawk l-istrumenti ta’ legat. Madankollu, dawk il-kombinamenti jippermettu wkoll li jiġi pprovdut volum akbar ta’ kopertura tal-garanzija għal investimenti strateġiċi f’oqsma ta’ prijorità ewlenin tal-Unjoni li jistgħu jkunu mistennija li jwasslu għall-mobilizzazzjoni ta’ investiment addizzjonali ta’ madwar EUR 25 biljun u għal żieda fid-diversifikazzjoni tar-riskji, mingħajr ma jiżdiedu sostanzjalment ir-riskji għall-baġit tal-Unjoni.

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1316/oj>).

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 li jstabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f’“Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)” u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1290/oj>).

¹⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1291/oj>).

- (10) Biż-żieda ta' EUR **2,9** biljun fil-garanzija tal-UE mirfuda mir-rimborżi addizzjonali ta' EUR **1,16** biljun, u l-miżuri ta' effiċjenza implimentati bil-kombinament tal-kapaċitajiet tal-istrumenti ta' legat mal-Fond InvestEU, huwa mistenni li jkunu jistgħu jiġu mobilizzati madwar EUR **55** biljun f'investiment addizzjonali. Huwa meħtieġ li tiġi proporzjonalment aġġustata l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Grupp tal-BEI għas-sehem taż-żieda fil-garanzija tal-UE allokata lilu. ***Id-distribuzzjoni indikattiva tal-garanzija tal-UE bejn l-erba' twieqi ta' politika tal-Fond InvestEU jenħtieġ li tiżdied proporzjonalment għaż-żieda tal-garanzija tal-UE. L-użu ta' dawk ir-rimborżi mill-istrumenti ta' legat għall-benefiċċju tal-Fond InvestEU huwa mingħajr preġudizzju għan-negozjati dwar il-qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l-2027.***

- (11) *Is-servizzi ta' konsulenza ta' InvestEU għandhom rwol importanti fl-iżvilupp ta' riżerva ta' proġetti. Dawk is-servizzi ta' konsulenza huma partikolarment utli f'oqsma kumplessi, bħall-akkomodazzjoni soċjali affordabbli u d-difiża. Għalhekk ikun xieraq li jintużaw EUR 40 miljun f'rimborżi biex jiżdied l-ammont li jrid isir disponibbli għal tali servizzi. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-interazzjoni bejn id-diversi komponenti tal-Programm InvestEU, b'mod partikolari bejn iċ-Ċentru ta' Konsulenza InvestEU u l-Portal InvestEU.*
- (12) *Il-Kummissjoni tistma l-ammont ta' proviżjonament meħtieġ biex ikopri t-telf futur tul il-ħajja mill-operazzjonijiet appoġġati taħt l-Fond InvestEU b'livell ta' kunfidenza ta' 95 % tal-valur fir-riskju. Bhalta parti mill-isforzi kontinwi tagħha biex tarmonizza l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju għall-garanziji baġitarji, il-Kummissjoni qed tippjana li tirrieżamina l-metodoloġiji applikati kemm fil-politiki interni kif ukoll f'dawk esterni.*

- (13) Sabiex tissaħħaħ l-attrawenza tal-kompartiment tal-Istati Membri taħt il-Fond InvestEU, jenħtiegħ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jikkontribwixxu wkoll b' mod iffinanzjat kompletament, *minn fondi b'ġestjoni kondiviża, mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ jew mir-riżorsi tal-Istati Membri*, permezz ta' strument finanzjarju ta' InvestEU minbarra l-alternattiva eżistenti li jikkontribwixxu għall-garanzija tal-UE. L-appoġġ mill-istrument finanzjarju InvestEU jenħtiegħ li, sa fejn ikun possibbli, jiġi implimentat skont l-istess prinċipji bħal dawk tal-garanzija tal-UE. Permezz tal-istrument finanzjarju InvestEU, l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jistgħu jibbenefikaw finanzjarjament mill-Programm InvestEU b' mod aktar effiċjenti fil-munita tagħhom stess. *L-istrument finanzjarju InvestEU jenħtiegħ li jipprovdi wkoll inċentiv ulterjuri biex jiżdied b' mod responsabbli l-aptit għar-riskju tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u b'hekk jikkontribwixxi għall-effett ta' attrazzjoni tal-kapital privat.*
- (14) *Sabiex il-kompartimenti jintużaw b' mod komplementari biex jappoġġaw operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment partikolari, huwa possibbli li l-ammonti allokat li lill-kompartiment tal-Istati Membri jiġu kkombinati ma' riżorsi fil-kompartiment tal-UE fi struttura b'saffi, b'segment tal-ewwel telf kopert mir-riżorsi nazzjonali. Biex tiġi żgurata l-koerenza mal-oġettivi tal-Programm InvestEU, tali kombinamenti jenħtiegħ li jirrispettaw il-prinċipji tal-valur miżjud tal-UE, tal-kompetizzjoni ġusta, u tal-integrità tas-suq intern, u jenħtiegħ li jappoġġaw il-kooperazzjoni transfruntiera meta rilevanti.*

¹¹ *Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>).*

- (15) F' konformità ma' objettiv ġenerali ta' simplifikazzjoni sabiex jittaffa l-piż amministrattiv għar-riċevituri finali, l-intermedjarji finanzjarji u s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, ir-rekwiżiti ta' rappurtar, inklużi dawk relatati mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u ta' monitoraġġ, jenħtieġ li jitnaqqsu, meta xieraq, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-negozji żgħar u l-operazzjonijiet ta' skala żgħira. ***Dik is-simplifikazzjoni jenħtieġ li ma jkollhiex impatt fuq il-kwalità tad-data riċevuta mir-riċevituri finali meta dik id-data ma tkunx koperta mit-tnaqqis propost fir-rekwiżiti ta' rappurtar. Mingħajr preġudizzju għad-definizzjoni ta' intrapriża żgħira u ta' daqs medju ("SME") għall-finijiet ta' atti oħra tal-Unjoni u ta' kwalunkwe programm u fond futur, l-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' SME għall-finijiet tal-Programm InvestEU jenħtieġ li tiġi aġġustata biex jitneħħew il-kumplessitajiet sa fejn ikun possibbli. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u lill-istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament. Huwa importanti li jitfakkar li r-regoli kontabilistiċi stabbiliti fid-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹², inklużi r-regoli dwar il-konsolidazzjoni, japplikaw, u b'hekk jgħinu biex tiġi ssalvagwardjata l-integrità tad-definizzjoni ta' SMEs u biex jiġi żgurat li l-appoġġ tal-Unjoni jilħaq lill-benefiċjarji intenzjonati tiegħu. Meta jkun meħtieġ għal finijiet ta' implimentazzjoni, u mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2021/523, huwa xieraq li l-kriterji skont id-definizzjoni simplifikata jiġu interpretati f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Anness I tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE¹³. Huwa meħtieġ li s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jew, fil-każ ta' prodotti finanzjarji intermedjati, l-intermedjarji finanzjarji, jiżguraw konformità sħiħa mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-SMEs, inkluż billi jivverifikaw l-istatus ta' SME tar-riċevituri finali, b'mod partikolari permezz tal-kalkolu preċiż tal-għadd ta' impjegati u tal-fatturat fil-perimetru rilevanti tad-ditti, u, fejn rilevanti, permezz tal-applikazzjoni xierqa tar-regoli ta' konsolidazzjoni biex tiġi evitata ċ-ċirkonvenzjoni permezz ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji jew strutturi simili.***

¹² *Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj>).*

¹³ *Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 li tikkonċerna d-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj>).*

- (16) *Huwa xieraq li l-Kummissjoni tikkunsidra li tieħu aktar miżuri ta' simplifikazzjoni mhux leġiżlattivi sabiex tikkomplementa dan ir-Regolament emendatorju, bħat-tnaqqis tal-frekwenza tar-rapporti ta' progress li għandhom jiġu ppreżentati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni sabiex jitnaqqas l-ammont ta' xogħol tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, tal-intermedjarji finanzjarji u tar-riċevituri finali mingħajr ma jinbidel ebda element sostantiv tar-Regolament (UE) 2021/523.*
- (17) *Huwa importanti li l-proċeduri tal-ġhajjnuna mill-Istat applikabbli għall-operazzjonijiet appoġġati mill-Fond InvestEU jkunu proporzjonati, prevedibbli u razzjonalizzati. Fejn rilevanti, huwa importanti li l-Kummissjoni tkompli tesplora l-mezzi disponibbli biex tissimplifika u taċċellera l-valutazzjonijiet tal-ġhajjnuna mill-Istat. Barra minn hekk, ir-reviżjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014¹⁴ jenħtieġ li tiċċara u tissimplifika aktar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat fil-kuntest tal-Programm InvestEU.*
- (18) Il-frekwenza u l-ambitu tar-rapporti jenħtieġ li jitnaqqsu wkoll għall-Programm InvestEU u l-predeċessur tiegħu, il-FEIS.

¹⁴ *Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' ġhajjnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/651/oj>).*

- (19) Ir-Regolamenti (UE) 2015/1017, (UE) 2021/695¹⁵ u (UE) 2021/1153¹⁶ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jenħtieġ li jiġu emendati biex jippermettu kombinamenti ta' appoġġ skont dawk ir-Regolamenti u l-garanzija tal-UE skont ir-Regolament (UE) 2021/523, kif emendat b'dan ir-Regolament.
- (20) Għall-kontabbiltà tal-Kummissjoni, is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jenħtieġ li, fir-rigward ta' kombinamenti ta' appoġġ, ikunu meħtieġa jipprovdu dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati f'konformità mal-Artikolu 212(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷, li jiddelinjaw b'mod ċar l-ammonti relatati mal-bażijiet legali differenti.
- █
- (21) Minħabba li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq speċifiċi għall-Unjoni kollha u għall-Istati Membri u d-distakk fl-investment fl-Unjoni, li titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-Unjoni, li jissaħħu l-kompetittività u l-bażi industrijali tagħha, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-oġġettivi.

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/695/oj>).

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1153/oj>).

¹⁷ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

(22) *Sabiex jappoġġa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-eżerċizzju tar-rwoli istituzzjonali tagħhom, ir-rapport ta' evalwazzjoni indipendenti finali dwar il-Programm InvestEU jenħtieġ li jinkludi valutazzjoni komparattiva tal-prestazzjoni tal-Programm InvestEU qabel u wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju inklużi d-derogi u l-aġġustamenti regolatorji tiegħu,*

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emendi tar-Regolament (UE) 2021/523

Ir-Regolament (UE) 2021/523 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond InvestEU, li għandu jipprevedi garanzija tal-UE u strument finanzjarju InvestEU biex jappoġġaw operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment imwettqa mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-politiki interni tal-Unjoni.”;

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (3), (4) u (5) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(3) “tieqa ta' politika” tfisser qasam immirat għal appoġġ mill-garanzija tal-UE jew mill-istrument finanzjarju InvestEU kif stabbilit fl-Artikolu 8(1);

(4) “kompartiment” tfisser parti mill-appoġġ ipprovdut taħt l-Fond InvestEU definita f'termini tal-oriġini tar-riżorsi li jappoġġawha;

(5) “operazzjoni ta’ taħlit” tfisser, taħt il-kompartiment tal-UE, operazzjoni appoġġata mill-baġit tal-Unjoni li tikkombina forom ta’ appoġġ li mhumiex ripagabbli, forom ta’ appoġġ ripagabbli, jew it-tnejn li huma, mill-baġit tal-Unjoni ma’ forom ta’ appoġġ ripagabbli minn istituzzjonijiet tal-iżvilupp jew istituzzjonijiet ta’ finanzjament pubbliċi oħra, jew minn istituzzjonijiet ta’ finanzjament kummerċjali u investituri; għall-finijiet ta’ din id-definizzjoni, programmi tal-Unjoni ffinanzjati minn sorsi oħra minbarra l-baġit tal-Unjoni, bħal pereżempju l-Fond ta’ Innovazzjoni tal-UE ETS, jistgħu jiġu assimilati ma’ programmi tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni;”;

(b) il-punt (8) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(8) “ftehim ta’ kontribuzzjoni” tfisser strument legali li bih il-Kummissjoni u Stat Membru wieħed jew aktar jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni fil-kompartiment tal-Istati Membri, kif stabbilit fl-Artikoli 10 u 10a;”;

(c) il-punti (10) u (11) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(10) “operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment” jew ‘operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment’ tfisser operazzjonijiet li jipprovdu finanzi b'mod dirett jew indirett lil riċevituri finali permezz ta' prodotti finanzjarji mwettqa minn:

- (a) fil-kuntest tal-garanzija tal-UE, sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni f'ismu stess, ipprovdut mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni skont ir-regoli interni, il-politiki u l-proċeduri tiegħu u li jiġu kontabilizzati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni jew, fejn applikabbli, żvelati fin-noti għal dawk id-dikjarazzjonijiet finanzjarji;
- (b) fil-kuntest tal-istrument finanzjarju InvestEU, sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni f'ismu stess jew f'ismu stess iżda għan-nom tal-Kummissjoni, kif applikabbli;

(11) “fondi b’ għestjoni kondiviża” tfisser il-fondi li jipprevedu l-possibbiltà li porzjon minnhom jiġi allokat għall-provvediment ta’ garanzija baġitarja jew għal strument finanzjarju fil-kompartiment tal-Istati Membri tal-Fond InvestEU, jiġifieri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġionali (FEŻR) u l-Fond ta’ Koeżjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** (ir-“Regolament FSE+ 2021-2027”), il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**** (ir-“Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK”);

* Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġionali u l-Fond ta’ Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1058/oj>).

** Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1057/oj>).

- *** Ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 (ĠU L 247, 13.7.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1139/oj>).
- **** Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj>).?;

(d) il-punt (12) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(12) “ftehim ta’ garanzija” tfisser strument legali li permezz tiegħu l-Kummissjoni u sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni jispeċifikaw il-kundizzjonijiet biex jipproponu operazzjonijiet ta’ finanzjament u ta’ investiment sabiex jingħataw il-benefiċċju tal-garanzija tal-UE jew tal-istrument finanzjarju InvestEU, biex jipprovdu l-garanzija tal-UE jew appoġġ permezz tal-istrument finanzjarju InvestEU għal dawn l-operazzjonijiet, u biex jimplimentawhom skont dan ir-Regolament;”;

(e) il-punt (21) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(21) “intrapriża żgħira u ta’ daqs medju” jew “SME” tfisser (a) **█** intrapriża li, skont l-aħħar kontijiet annwali jew konsolidati tagħha, timpjega għadd medju ta’ impjegati matul is-sena finanzjarja ta’ inqas minn 250 ***u għandha fatturat annwali li ma jaqbiżx EUR 50 miljun***, jew (b) fil-każ **█** ta’ prodotti finanzjarji ***fejn ir-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat jirrikjedu l-użu tad-definizzjoni ta’ SME fl-Anness I tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE****, intrapriża mikro, żgħira u ta’ daqs medju skont it-tifsira ***ta’ dak l-Anness***;

* Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta’ Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta’ intrapriżi mikro, żgħira u ta’ daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj>).”;

(f) j iżdied il-punt li ġej:

“(24) “strument finanzjarju InvestEU” tfisser strument finanzjarju kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (30), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* li jrid jiġi implimentat fil-kompartiment tal-Istati Membri tal-Fond InvestEU.

* Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).”;

(3) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. Il-garanzija tal-UE għall-finijiet tal-kompartiment tal-UE msemmi fl-Artikolu 9(1), il-punt (a), għandha tkun EUR **29 052 310 073** fi prezzijiet kurrenti. Din għandha tkun provduta bir-rata ta' 40 %. L-ammont imsemmi fl-Artikolu 35(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), għandu jitqies ukoll għall-kontribut għall-proviżjonament li jirriżulta minn dik ir-rata ta' proviżjonament.

Ammont addizzjonali tal-garanzija tal-UE jista' jiġi pprovdut għall-finijiet tal-kompartiment tal-Istati Membri msemmi fl-Artikolu 9(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament, suġġett għall-allokazzjoni mill-Istati Membri, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* (ir-“Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-2021-2027”) u l-Artikolu 81 tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, tal-ammonti korrispondenti.”;

* Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-

Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika
dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159,
ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj>);

(b) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Ammont ta' EUR **14 227 310 073** fi prezzijiet kurrenti tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, ta' dan l-Artikolu għandu jiġi allokat għall-oġettivi msemmija fl-Artikolu 3(2).”;

(c) *il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“3. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fil-Kapitoli VI u VII għandu jkun EUR 470 000 000 fi prezzijiet kurrenti.”;

(4) L-Artikolu 6(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-garanzija tal-UE u l-istrument finanzjarju InvestEU għandhom jiġu implimentati b'ġestjoni indiretta mal-korpi msemmija fl-Artikolu 62(1), il-punti (c)(ii), (c)(iii), (c)(v) u (c)(vi), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Forom oħra ta' finanzjament tal-Unjoni f'dan ir-Regolament għandhom jiġu implimentati b'ġestjoni diretta jew indiretta skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, inklużi l-għotjiet implimentati skont it-Titolu VIII tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u l-operazzjonijiet ta' taħlit implimentati f'konformità ma' dan l-Artikolu kemm jista' jkun mingħajr xkiel, b'mod li jiżgura appoġġ effiċjenti u koerenti għall-politiki tal-Unjoni.”;

(5) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Kombinamenti”;

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-appoġġ mill-garanzija tal-UE skont dan ir-Regolament, l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut permezz tal-istrumenti finanzjarji stabbiliti mill-programmi fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u l-appoġġ tal-Unjoni mill-garanzija tal-UE stabbilita mir-Regolament (UE) 2015/1017 jistgħu jiġu kkombinati biex jappoġġaw prodotti finanzjarji jew portafolli implimentati jew li jridu jiġu implimentati mill-BEI jew mill-FEI skont dan ir-Regolament.”;

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. L-appoġġ mill-garanzija tal-UE skont dan ir-Regolament, l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut permezz tal-garanzija taħt l-istrumenti finanzjarji stabbiliti mill-programmi fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u rilaxxat mill-operazzjonijiet approvati skont dawk l-istrumenti, u l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut permezz tal-garanzija tal-UE stabbilita bir-Regolament (UE) 2015/1017 u rilaxxat minn operazzjonijiet approvati skont dik il-garanzija tal-UE jistgħu jiġu kkombinati biex jappoġġaw prodotti finanzjarji jew portafolli li jkun fihom operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment eliġibbli skont dan ir-Regolament, implimentati jew li jridu jiġu implimentati mill-BEI jew mill-FEI skont dan ir-Regolament.”;

(d) j iżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

- “5. B’deroga mill-Artikolu 212(3), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-garanzija rilaxxata *appoġġata mill-baġit tal-Unjoni* skont l-istrumenti finanzjarji stabbiliti mill-programmi fil-perjodu ta’ programmazzjoni 2014-2020 tista’ tintuża biex tkopri operazzjonijiet ta’ finanzjament u ta’ investiment eliġibbli skont dan ir-Regolament għall-finijiet tal-kombinament imsemmi fil-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu.
6. B’deroga mill-Artikolu 216(4), il-punt (a), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, għandu jkun possibbli li ma jitqiesx il-proviżjonament li jikkorrispondi għall-garanzija rilaxxata taħt l-appoġġ tal-Unjoni mill-garanzija tal-UE stabbilita bir-Regolament (UE) 2015/1017 għall-finijiet tal-operazzjoni msemmija fl-Artikolu 216(4), il-punt (a), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u dak il-proviżjonament jista’ jintuża biex ikopri operazzjonijiet ta’ finanzjament u ta’ investiment eliġibbli skont dan ir-Regolament għall-finijiet tal-kombinament imsemmi fil-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu.

7. Ir-rilaxx tal-garanzija *appoġġata mill-baġit tal-Unjoni* skont l-istrumenti finanzjarji stabbiliti mill-programmi fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, it-trasferiment tal-assi korrispondenti mill-kontijiet fiduċjarji għall-fond komuni għall-proviżjonament msemmi fl-Artikolu 215 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u r-rilaxx tal-garanzija taħt l-appoġġ tal-Unjoni mill-garanzija tal-UE stabbilita bir-Regolament (UE) 2015/1017 imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandhom isiru permezz ta' emenda tal-ftehimiet rilevanti bejn il-Kummissjoni u l-BEI jew il-FEI.

Il-kundizzjonijiet tal-użu tal-garanziji rilaxxati msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, biex ikopru operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment eliġibbli skont dan ir-Regolament u, meta rilevanti, it-trasferiment ta' assi korrispondenti minn kontijiet fiduċjarji għall-fond komuni ta' proviżjonament msemmi fl-Artikolu 215 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, għandhom jiġu stabbiliti fil-ftehim ta' garanzija msemmi fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament.

It-termini u l-kundizzjonijiet tal-prodotti finanzjarji msemmija fil-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu u tal-portafolli kkonċernati, inklużi l-ishma pro rata rispettivi tat-telf, tad-dħul, tal-ħlasijiet lura u tal-irkupri jew l-ishma mhux pro rata rispettivi f'konformità mal-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu, ta' dan l-Artikolu, għandhom jiġu stabbiliti fil-ftehim ta' garanzija msemmi fl-Artikolu 17.”;

(6) fl-Artikolu 8(8), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Il-Kummissjoni, flimkien mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, għandha tirsisti li tiżgura li l-parti tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-UE użata għat-tieqa ta' politika għall-infrastruttura sostenibbli tiġi distribwita bl-għan li jinkiseb bilanċ bejn l-oqsma differenti msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a).”;

(7) fl-Artikolu 9(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) il-kompartiment tal-Istati Membri għandu jindirizza fallimenti tas-suq speċifiċi jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali f'reġjun jew fi Stat Membru wieħed jew aktar sabiex iwettaq l-oġettivi ta' politika tal-fondi kontribwenti b'ġestjoni kondiviża jew tal-ammont addizzjonali pprovdut minn Stat Membru skont l-Artikolu 4(1), it-tielet subparagrafu, jew skont l-Artikolu 10a(1), it-tieni subparagrafu, speċjalment biex isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni billi jindirizza l-iżbilanċi bejn ir-reġjuni tagħha.”;

(8) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-Garanzija tal-UE implimentata fil-kompartiment tal-Istati Membri”;

(b) fil-paragrafu 2, ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-Istat Membru u l-Kummissjoni għandhom jikkonkludu ftehim ta' kontribuzzjoni jew emenda għalih wara d-deċizzjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-Ftehim ta' Sħubija skont l-Artikolu 12 tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-2021-2027 jew il-Pjan Strateġiku tal-PAK skont l-Artikolu 118 tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jew simultanjament skont id-deċizzjoni tal-Kummissjoni li temenda programm f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-2021-2027 jew il-Pjan Strateġiku tal-PAK f'konformità mal-Artikolu 119 tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.”;

(c) fil-paragrafu 3, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) l-istrateġija tal-Istat Membru, li tkun tikkonsisti mit-tip ta' finanzjament, l-effett ta' leverage fil-mira, il-kopertura ġeografika, li tinkludi l-kopertura reġjonali jekk meħtieġa, it-tipi ta' proġetti, il-perjodu ta' investiment u, jekk applikabbli, il-kategoriji tar-riċevituri finali u tal-intermedjarji eliġibbli;”;

(9) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 10a

Dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-istrument finanzjarju InvestEU implimentat fil-kompartiment tal-Istati Membri

1. Stat Membru jista' jikkontribwixxi ammonti mill-fondi b'ġestjoni kondiviża lill-kompartiment tal-Istati Membri tal-Fond InvestEU bil-ħsieb li jużahom permezz tal-istrument finanzjarju InvestEU.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu wkoll ammonti addizzjonali għall-finijiet tal-istrument finanzjarju InvestEU. Tali ammonti għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern f'konformità mat-tieni sentenza tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

L-ammonti allokatati minn Stat Membru fuq bażi volontarja skont l-ewwel u t-tieni subparagrafu għandhom jintużaw biex jappoġġaw operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment fl-Istat Membru kkonċernat. Dawk l-ammonti għandhom jintużaw biex jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġġettivi ta' politika speċifikati fil-Ftehim ta' Sħubija msemmi fl-Artikolu 11(1), il-punt (a), tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-2021-2027, fil-programmi jew fil-Pjan Strateġiku tal-PAK li jikkontribwixxu għall-Programm InvestEU, sabiex jiġu implimentati l-miżuri rilevanti stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/241 jew, f'każijiet oħra, għall-finijiet stabbiliti fil-ftehim ta' kontribuzzjoni, skont l-oriġini tal-ammont ikkontribwit.

2. Il-kontribuzzjoni għall-istrument finanzjarju InvestEU għandha tkun soġġetta għall-konklużjoni ta' ftehim ta' kontribuzzjoni bejn Stat Membru u l-Kummissjoni, li fil-każ ta' kontribuzzjonijiet mill-fondi b'ġestjoni kondiviża għandu jiġi konkluż f'konformità mal-Artikolu 10(2), ir-raba' subparagrafu.

Żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jikkonkludu ftehim ta' kontribuzzjoni konġunt mal-Kummissjoni.

3. Il-ftehim ta' kontribuzzjoni għandu jinkludi tal-anqas l-ammont tal-kontribuzzjoni mill-Istat Membru u l-munita tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment, id-dispożizzjonijiet dwar ir-remunerazzjoni tal-Unjoni għall-istrument finanzjarju InvestEU, l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 10(3), il-punti (b) sa (e) u (g), u kif jiġu trattati r-riżorsi ġġenerati mill-ammonti kkontribwiti għall-istrument finanzjarju InvestEU jew attribwibbli lilhom.
4. Il-ftehimiet ta' kontribuzzjoni għandhom jiġu implimentati permezz ta' ftehimiet ta' garanzija konklużi f'konformità mal-Artikolu 10(4), l-ewwel subparagrafu.

Meta ma jkun ġie konkluż l-ebda ftehim ta' garanzija fi żmien 12-il xahar mill-konklużjoni tal-ftehim ta' kontribuzzjoni, il-ftehim ta' kontribuzzjoni għandu jiġi tterminat jew imtawwal bi ftehim reċiproku. Meta l-ammont ta' ftehim ta' kontribuzzjoni ma jkunx ġie kompletament impenjat taħt ftehim ta' garanzija wieħed jew aktar fi żmien 12-il xahar mill-konklużjoni tal-ftehim ta' kontribuzzjoni, dak l-ammont għandu jiġi emendat kif xieraq. L-ammont mhux użat ta' kontribuzzjoni minn fondi b'ġestjoni kondiviża implimentat permezz tal-Programm InvestEU għandu jerġa' jintuża f'konformità mar-Regolament li jistabbilixxi l-fond ikkonċernat. L-ammont mhux użat ta' kontribuzzjoni mingħand Stat Membru skont il-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, ta' dan l-Artikolu għandu jitħallas lura lill-Istat Membru.

Meta ftehim ta' garanzija ma jkunx ġie implimentat kif xieraq fil-perjodu speċifikat fl-Artikolu 14(6) tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-2021-2027 jew fl-Artikolu 81(6) tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, jew, fil-każ ta' ftehim ta' garanzija relatat mal-ammonti pprovduti f'konformità mal-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, ta' dan l-Artikolu, fil-ftehim ta' kontribuzzjoni rilevanti, il-ftehim ta' kontribuzzjoni għandu jiġi emendat. L-ammonti mhux użati allokat i mill-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-fondi b'ġestjoni kondiviża implimentati permezz tal-Programm InvestEU għandhom jergġu jintużaw f'konformità mar-Regolament li jstabilixxi l-fond ikkonċernat. L-ammont mhux użat ta' strument finanzjarju InvestEU attribwibbli għall-kontribuzzjoni ta' Stat Membru skont il-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, ta' dan l-Artikolu għandu jitħallas lura lill-Istat Membru.

Ir-riżorsi ġenerati mill-ammonti kkontribwiti għall-istrument finanzjarju InvestEU jew attribwibbli lilhom skont id-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-fondi b'ġestjoni kondiviża implimentati permezz tal-programm InvestEU għandhom jergġu jintużaw f'konformità mar-Regolament li jstabilixxi l-fond ikkonċernat. Ir-riżorsi ġenerati mill-ammonti kkontribwiti għall-istrument finanzjarju InvestEU jew attribwibbli lilhom skont il-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, ta' dan l-Artikolu għandhom jitħallsu lura lill-Istat Membru.

5. *Appoġġ taħt l-istrument finanzjarju InvestEU jista' jingħata għal operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti minn dan ir-Regolament għal perjodu ta' investiment li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2027. Il-kuntratti li jimplementaw l-istrument finanzjarju InvestEU bejn is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fl-Artikolu 16(1), il-punt (a), għandhom jiġu ffirmati sal-31 ta' Diċembru 2028.”;*

(10) *fl-Artikolu 11(1), il-punt (d)(i) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“(i) jiġi allokat ammont massimu ta' EUR 330 000 000 mill-pakkett finanzjarju msemmi fl-Artikolu 4(3) għall-inizjattivi konsultattivi msemmija fl-Artikolu 25 u l-kompiti operattivi msemmija fil-punt (ii) ta' dan il-punt;”;

(11) *it-titolu tal-Kapitolu IV huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“Il-garanzija tal-UE u l-istrument finanzjarju InvestEU”;

(12) *L-Artikolu 13(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“4. 75 % tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-UE kif imsemmi fl-Artikolu 4(1), l-ewwel subparagrafu, li tammonta għal EUR 21 789 232 555, għandhom jingħataw lill-Grupp tal-BEI. Il-Grupp tal-BEI għandu jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja aggregata li tammonta għal EUR 5 447 308 139. Dik il-kontribuzzjoni għandha tiġi pprovduta b'mod u għamla li tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Fond InvestEU u l-kisba tal-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 15(2).”;

(13) L-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-istrument finanzjarju InvestEU jista' jintuża biex jipprovdi finanzjament lis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għat-tipi ta' finanzjament imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), ipprovduti mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni.

Sabiex jiġi kopert mill-garanzija tal-UE jew mill-istrument finanzjarju InvestEU, il-finanzjament imsemmi fl-ewwel u fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jingħata, jinkiseb jew jinħareġ għall-benefiċċju tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment imsemmija fl-Artikolu 14(1), meta l-finanzjament mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni jkun ingħata f'konformità ma' ftehim ta' finanzjament jew tranżazzjoni, iffirmati jew sottoskritti mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni wara l-firma tal-ftehim ta' garanzija u li ma jkunx skada jew ġew ikkanċellat.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment permezz ta' fondi jew strutturi intermedji oħra għandhom jiġu appoġġati mill-garanzija tal-UE jew mill-istrument finanzjarju InvestEU f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-linji gwida dwar l-investiment, kif *rilevanti*, anki jekk tali strutturi jinvestu minoranza tal-ammonti investiti tagħhom barra mill-Unjoni u f'pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 14(2) jew jinvestu minoranza tal-ammonti investiti tagħhom f'assi għajr dawk eliġibbli skont dan ir-Regolament.”;

(14) L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim ta' garanzija, ma' kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, dwar l-għoti tal-garanzija tal-UE sa ammont li jrid jiġi ddeterminat mill-Kummissjoni, jew dwar l-għoti ta' appoġġ taħt l-istrument finanzjarju InvestEU.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) regoli dettaljati dwar l-għoti tal-garanzija tal-UE jew *ta’ appoġġ* taħt l-istrument finanzjarju InvestEU f’konformità mal-Artikolu 19, inkluż dwar il-kopertura ta’ operazzjonijiet ta’ finanzjament u ta’ investiment jew ta’ portafolli ta’ tipi speċifiċi ta’ strumenti u *dwar* l-każi rispettivi li jiskattaw sejħiet possibbli fuq il-garanzija tal-UE jew *dwar* l-użu tal-istrument finanzjarju InvestEU;”;

(ii) il-punt (f) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(f) l-impenn tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni li jaċċetta d-deċiżjonijiet mill-Kummissjoni u mill-Kumitat tal-Investment fir-rigward tal-użu tal-garanzija tal-UE jew tal-istrument finanzjarju InvestEU għall-benefiċċju ta’ operazzjoni proposta ta’ finanzjament jew ta’ investiment, mingħajr preġudizzju għat-teħid tad-deċiżjonijiet tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni fir-rigward tal-operazzjoni proposta ta’ finanzjament jew ta’ investiment mingħajr il-garanzija tal-UE jew l-istrument finanzjarju InvestEU;”;

(iii) il-punti (h) u (i) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(h) ir-rappurtar finanzjarju u operattiv u l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment taħt il-garanzija tal-UE u tal-istrument finanzjarju InvestEU;

(i) l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tal-garanzija tal-UE u tal-istrument finanzjarju InvestEU, it-tweqqif tal-oġġettivi u tal-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 3, 8 u 14, u l-mobilizzazzjoni tal-kapital privat;”;

(c) *jiżdied il-paragrafu li ġej:*

“6. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif meħtieġ skont l-Artikoli 41(5) u 158(8) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.”;

(15) L-Artikolu 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 18

Rekwiżiti għall-użu tal-garanzija tal-UE u tal-istrument finanzjarju InvestEU

1. L-ġhoti tal-garanzija tal-UE u l-ġhoti tal-appoġġ mill-istrument finanzjarju InvestEU għandhom ikunu soġġetti għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta' garanzija mas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni rilevanti.
2. L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment għandhom ikunu koperti mill-garanzija tal-UE jew ikunu appoġġati permezz tal-istrument finanzjarju InvestEU biss meta jissodisfaw il-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament u, *kif rilevanti*, fil-linji gwida dwar l-investiment rilevanti, u meta l-Kumitat tal-Investiment ikun ikkonkluda li dawk l-operazzjonijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti biex jittieħed benefiċċju mill-garanzija tal-UE jew mill-istrument finanzjarju InvestEU. Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom jibqgħu responsabbli għall-iżgurar tal-konformità tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment ma' dan ir-Regolament u mal-linji gwida dwar l-investiment rilevanti.

3. L-ebda kost jew tariffa amministrattivi relatata mal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment taħt il-garanzija tal-UE jew tal-istrument finanzjarju InvestEU ma għandha tkun dovuta mill-Kummissjoni lis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, sakemm in-natura tal-objettivi ta' politika fil-mira tal-prodott finanzjarju li jrid jiġi implimentat u l-affordabbiltà għar-riċevituri finali fil-mira jew it-tip ta' finanzjament ipprovdut ikunu jippermettu lis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni jiġġustifika b'mod debitu lill-Kummissjoni l-ħtieġa ta' eċċezzjoni. Il-kopertura ta' tali spejjeż mill-baġit tal-Unjoni għandha tkun limitata għall-ammont strettament meħtieġ biex jiġu implimentati l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment rilevanti, u għandha tiġi pprovduta biss sal-punt li l-ispejjeż ma jkunux koperti mid-dħul li jirċievu s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni mill-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment ikkonċernati. L-arranġamenti dwar it-tariffi għandhom jiġu stabbiliti fil-ftehim ta' garanzija u għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 17(4) ta' dan ir-Regolament u mal-Artikolu 212(2), il-punt (g), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni huma intitolati għal tariffi xierqa b'rabta mal-ġestjoni tal-kontijiet fiduċjarji relatati mal-istrument finanzjarju InvestEU.

4. Barra minn hekk, is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni jista' juża l-garanzija tal-UE jew l-istrument finanzjarju InvestEU biex jissodisfa s-sehem rilevanti ta' kwalunkwe spiża ta' rkupru f'konformità mal-Artikolu 17(4), sakemm dawk l-ispejjeż ma jkunux tnaqqsu mir-rikavati tal-irkupru.”;

(16) L-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Kopertura u termini tal-garanzija tal-UE u tal-istrument finanzjarju InvestEU”;

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Ir-remunerazzjoni għat-teħid tar-riskji għandha tiġi allokata bejn l-Unjoni u sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni fi proporzjon mas-sehem rispettiv tagħhom tat-teħid tar-riskji fir-rigward ta' portafoll ta' operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment jew, meta rilevanti, fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment individwali. Ir-remunerazzjoni għall-garanzija tal-UE jew għall-istrument finanzjarju InvestEU tista' titnaqqas f'każijiet debitament ġustifikati msemmija fl-Artikolu 13(2).

Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jkollu skopertura xierqa għar-riskju tiegħu stess għal operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment appoġġati mill-garanzija tal-UE jew mill-istrument finanzjarju InvestEU, sakemm eċċezzjonalment l-oġġettivi ta' politika fil-mira tal-prodott finanzjarju li jrid jiġi implimentat ikunu ta' natura tali li s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni ma jkunx jista' jikkontribwixxi b'mod raġonevoli l-kapaċità ta' rfiġ tar-riskji tiegħu stess għalih.”;

- (c) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

“għall-prodotti tad-dejn imsemmija fl-Artikolu 16(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a):”;

- (d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“2a. L-istrument finanzjarju InvestEU għandu jkopri:

- (a) għall-prodotti ta' dejn li jikkonsistu minn garanziji u kontrogaranziji msemmija fl-Artikolu 16(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a):
- (i) il-kapital u l-imgħax u l-ammonti kollha dovuti lis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni iżda mhux li jkun irċieva f'konformità mat-termini tal-operazzjonijiet ta' finanzjament qabel il-każ ta' inadempjenza;
 - (ii) it-telf mir-ristrutturar;
 - (iii) it-telf li jirriżulta minn fluttwazzjonijiet ta' muniti li mhumiex l-euro fi swieq jekk il-possibilitajiet għall-hedging fit-tul ikunu limitati;

- (b) għal tipi oħra ta' finanzjament eliġibbli msemmija fl-Artikolu 16(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a): l-ammonti investiti jew mislufin mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a)(i), għal dejn subordinat, differiment, tnaqqis jew ħruġ meħtieġ għandhom jitqiesu bħala każ ta' inadempjenza.

L-istrument finanzjarju InvestEU għandu jkopri l-iskopertura kollha tal-Unjoni fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment rilevanti.”;

- (17) L-Artikolu 22(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. ■ Tiġi stabbilita tabella ta' valutazzjoni tal-indikaturi (it-“Tabella ta' Valutazzjoni”) biex jiġi żgurat li l-Kumitat tal-Investment ikun jista' jwettaq valutazzjoni indipendenti, trasparenti u armonizzata tat-talbiet għall-użu tal-garanzija tal-UE jew, kif *rilevanti*, tal-istrument finanzjarju InvestEU għal operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment proposti mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni.”;

(18) L-Artikolu 23(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tal-BEI li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu koperti mill-garanzija tal-UE jew jibbenefikaw mill-istrument finanzjarju InvestEU fejn l-Kummissjoni tagħti opinjoni sfavorevoli fil-qafas tal-proċedura prevista fl-Artikolu 19 tal-Istatut tal-BEI.”;

(19) L-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) jeżamina l-proposti għal operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment ippreżentati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għal kopertura taħt il-garanzija tal-UE jew għal appoġġ mill-istrument finanzjarju InvestEU li jkunu għaddew mill-verifika tal-politiki msemmija fl-Artikolu 23(1) ta' dan ir-Regolament jew li jkunu rċevew opinjoni favorevoli fil-qafas tal-proċedura prevista fl-Artikolu 19 tal-Istatut tal-BEI.”;

(ii) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) jivverifika jekk l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment li jibbenefikaw mill-appoġġ taħt il-garanzija tal-UE jew l-istrument finanzjarju InvestEU jikkonformawx mar-rekwiżiti rilevanti kollha.”;

(b) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Id-dokumentazzjoni li trid tiġi pprovduta mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandha tinkludi formola ta' talba standardizzata, it-Tabella ta' Valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 22 u kwalunkwe dokument ieħor li l-Kumitat tal-Investment iqis rilevanti, b'mod partikolari deskrizzjoni tal-karattru tal-falliment tas-suq jew tas-sitwazzjoni ta' investiment subottimali u kif dawn se jittaffa mill-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment, kif ukoll valutazzjoni affidabbli tal-operazzjoni li turi l-addizzjonalità tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment. Is-segretarjat għandu jivverifika l-kompletezza tad-dokumentazzjoni li jipprovdu s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li mhumiex il-Grupp tal-BEI. Il-Kumitat tal-Investment jista' jfittex kjarifiki mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni kkonċernat fir-rigward ta' proposta għal operazzjoni ta' investiment jew ta' finanzjament, inkluż billi jitlob il-preżenza diretta ta' rappreżentant tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni matul id-diskussjoni tal-operazzjonimsemmija hawn fuq. Kwalunkwe valutazzjoni tal-proġett imwettqa minn sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni ma għandhiex tkun vinkolanti fuq il-Kumitat tal-Investment għall-finijiet ta' għoti ta' kopertura lil operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment mill-garanzija tal-UE jew ta' appoġġ mill-istrument finanzjarju InvestEU.”;

(c) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

(i) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Il-konklużjonijiet tal-Kumitat tal-Investment li japprovaw il-kopertura tal-garanzija tal-UE jew l-appoġġ mill-istrument finanzjarju InvestEU għal operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investment għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku u għandhom jinkludu r-raġuni għall-approvazzjoni u l-informazzjoni dwar l-operazzjoni, b'mod partikolari d-deskrizzjoni tagħha, l-identità tal-promoturi jew tal-intermedjarji finanzjarji, u l-oġettivi tal-operazzjoni. Il-konklużjonijiet għandhom jirreferu wkoll għall-valutazzjoni globali li tirriżulta mit-Tabella ta' Valutazzjoni.”;

(ii) il-ħames subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Darbtejn fis-sena, il-Kumitat tal-Investment għandu jippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill lista tal-konklużjonijiet kollha tal-Kumitat tal-Investment fis-sitt xhur preċedenti, kif ukoll it-Tabelli ta' Valutazzjoni ppubblikati relatati magħhom. Dik il-preżentazzjoni għandha tinkludi kwalunkwe deċiżjoni li tiċċad l-użu tal-garanzija tal-UE jew ta' appoġġ mill-istrument finanzjarju InvestEU. Dawk id-deċiżjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti stretti ta' kunfidenzjalità.”;

(d) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“6. Fejn il-Kumitat tal-Investment jintalab japprova l-użu tal-garanzija tal-UE jew ta' appoġġ mill-istrument finanzjarju InvestEU għal operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment li tkun faċilità, programm jew struttura b'sottoproġetti sottostanti, dik l-approvazzjoni għandha tinkludi dawk is-sottoproġetti sottostanti sakemm il-Kumitat tal-Investment ma jiddeċidix li jżomm id-dritt li japprovahom separatament. Il-Kumitat tal-Investment ma għandux ikollu d-dritt japprova separatament sottoproġetti ta' daqs anqas minn EUR 3 000 000.”;

(20) Fl-Artikolu 25(2), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) fejn xieraq, jassisti lill-promoturi tal-proġetti fl-iżvilupp tal-proġetti tagħhom sabiex jissodisfaw l-oġettivi stabbiliti fl-Artikoli 3 u 8 u l-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 14, u jiffaċilita l-iżvilupp ta', fost l-oħrajn, proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni u aggregaturi għal proġetti żgħar, inkluż permezz ta' pjattaformi ta' investiment kif imsemmi fil-punt (f) ta' dan il-paragrafu, dment li tali assistenza ma tippreġudikax il-konklużjonijiet tal-Kumitat tal-Investment fir-rigward tal-kopertura tal-garanzija tal-UE jew tal-istrument finanzjarju InvestEU fir-rigward ta' tali proġetti;”;

(21) L-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom ikunu eżentati mir-rappurtar dwar l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u ta’ monitoraġġ stabbiliti fl-Anness III, ħlief dawk fil-punti 1, 2, **3.1**, **3.2**, 5.2, 6.3 u 7.2 tiegħu, sa fejn ikunu kkonċernati l-operazzjonijiet ta’ finanzjament jew ta’ investiment li jibbenefikaw minnhom ir-riċevituri finali li jirċievu finanzjament jew investiment appoġġat mill-garanzija tal-UE jew mill-istrument finanzjarju InvestEU mingħand sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni jew intermedjarju finanzjarju li ma jkunx jaqbeż EUR **300 000**.”;

(b) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“3. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU f’konformità mal-Artikoli 247 u 256 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. F’konformità mal-Artikolu 41(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-rapport annwali għandu jagħti informazzjoni dwar il-livell ta’ implimentazzjoni tal-Programm fir-rigward tal-oġġettivi u tal-indikaturi tal-prestazzjoni tiegħu. Għal dak il-għan, kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jipprovdi, fuq bażi annwali, l-informazzjoni meħtieġa biex jippermetti li l-Kummissjoni tikkonforma mal-obbligi ta’ rappurtar tagħha, inkluża informazzjoni dwar l-operazzjoni tal-garanzija tal-UE jew tal-istrument finanzjarju InvestEU.

4. Darba fis-sena, kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti minn dan ir-Regolament, imqassam skont il-kompartiment tal-UE u l-kompartiment tal-Istati Membri, kif xieraq. Kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jippreżenta wkoll l-informazzjoni dwar il-kompartiment tal-Istati Membri lill-Istat Membru li jkun qed jimplimenta l-kompartiment tiegħu. Ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti dwar l-użu tal-garanzija tal-UE u tal-istrument finanzjarju InvestEU u mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll data operazzjonali, statistika, finanzjarja u ta' kontabbiltà dwar kull operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment u stima tal-flussi tal-flus mistennija, fil-livell tal-kompartiment, tat-tieqa ta' politika u tal-Fond InvestEU. Ir-rapport jista' jinkludi wkoll informazzjoni dwar l-ostakli għall-investiment ikkonfrontati waqt it-twettiq tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti minn dan ir-Regolament. Ir-rapporti għandu jkun fihom l-informazzjoni li s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jridujiprovdu skont l-Artikolu 158(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.”;

(22) L-Artikolu 35 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Dispożizzjonijiet tranżizzjonali u dispożizzjonijiet oħra”;

(b) *il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan* li ġej:

“1. B’deroga mill-Artikolu 212(3), l-ewwel u r-raba’ subparagrafi, tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe dħul, ħlas lura u rkupru minn strumenti finanzjarji stabbiliti mill-programmi msemmija fl-Anness IV ta’ dan ir-Regolament jistgħu jintużaw għall-proviżjonament tal-garanzija tal-UE skont dan ir-Regolament jew għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fil-Kapitoli VI u VII ta’ dan ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet rilevanti li jikkonċernaw il-baġit stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1229 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*

2. B’deroga mill-Artikolu 216(4), il-punt (a), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe surplus ta’ proviżjonamenti għall-garanzija tal-UE stabbilita mir-Regolament (UE) 2015/1017 jista’ jintuża għall-proviżjonament tal-garanzija tal-UE skont dan ir-Regolament jew għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fil-Kapitoli VI u VII ta’ dan ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet rilevanti li jikkonċernaw il-baġit stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1229.

B’deroga mill-Artikolu 214(4), il-punt (d), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe dħul mill-garanzija tal-UE stabbilita mir-Regolament (UE) 2015/1017 riċevut fl-2027 jista’ jintuża għall-proviżjonament tal-garanzija tal-UE skont dan ir-Regolament.

* *Ir-Regolament (UE) 2021/1229 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Lulju 2021 dwar il-faċilità ta’ self għas-settur pubbliku taħt il-mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 274, 30.7.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1229/oj>).*’;

(23) L-Anness I huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNESS I

AMMONTI TAL-GARANZIJA TAL-UE SKONT L-OBJETTIV SPECĪFIKU

Id-distribuzzjoni indikattiva msemija fl-Artikolu 4(2), ir-raba' subparagrafu, għall-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment għandha tkun kif ġej:

- (a) sa EUR **10 984 116 831** għall-oġġettivi msemija fl-Artikolu 3(2), il-punt (a);
- (b) sa EUR **7 304 820 214** għall-oġġettivi msemija fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);
- (c) sa EUR **7 672 612 166** għall-oġġettivi msemija fl-Artikolu 3(2), il-punt (c);
- (d) sa EUR **3 090 760 862** għall-oġġettivi msemija fl-Artikolu 3(2), il-punt (d).”;

(24) Fl-Anness III, jiżdiedu ż-żewġ paragrafi li ġejjin fil-punt 1 taħt il-punt 1.4:

“Minkejja l-Artikolu 2, il-punt (40), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, meta jiġi ddeterminat l-leverage u l-effett multiplikatur għall-operazzjonijiet ta’ finanzjament u ta’ investiment li jipprovdu garanziji fuq il-prestazzjoni, l-ammont ta’ kopertura tar-riskju għandu jiġi assimilat mal-ammont ta’ finanzjament rimborżabbli.

B’deroga mill-Artikolu 222(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ma għandux ikun meħtieġ li l-operazzjonijiet ta’ finanzjament u ta’ investiment li jipprovdu garanziji fuq il-prestazzjoni jiksbu effett multiplikatur.”;

(25) Fl-Anness V, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“Dan l-Anness għandu japplika wkoll, *mutatis mutandis*, għall-istrument finanzjarju InvestEU.”.

Artikolu 2
Emendi tar-Regolament (UE) 2015/1017

Ir-Regolament (UE) 2015/1017 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 11a huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Kombinamenti”;

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

“Il-garanzija tal-UE tista' tingħata biex tkopri operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment eliġibbli skont ir-Regolament (UE) 2021/523 għall-finijiet tal-kombinamenti msemmija fl-Artikolu 7(4) tiegħu u tista' tkopri telf marbut mal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti mill-appoġġ ikkombinat.”;

(2) L-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-BEI, b’kooperazzjoni mal-FEI meta jkun xieraq, għandu jippreżenta darba fis-sena rapport lill-Kummissjoni dwar l-operazzjonijiet ta’ finanzjament u ta’ investiment tal-BEI koperti minn dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti dwar l-użu tal-garanzija tal-UE u mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(2), il-punt (f)(iv). Ir-rapport għandu jinkludi wkoll data statistika, finanzjarja u ta’ kontabbiltà dwar kull operazzjoni ta’ finanzjament u ta’ investiment tal-BEI u fuq bażi aggregata.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa mħassar;

(c) fil-paragrafu 3, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Fir-rigward tal-kombinamenti msemmija fl-Artikolu 11a, il-BEI u l-FEI, rispettivament, għandhom, kull sena, jipprovdu d-dikjarazzjonijiet finanzjarji lill-Kummissjoni f’konformità mal-Artikolu 212(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*. Tali dikjarazzjonijiet finanzjarji għandhom jinkludu data ta’ kontabbiltà dwar l-appoġġ ipprovdut mill-garanzija tal-UE skont dan ir-Regolament delinjat b’mod ċar mill-appoġġ ipprovdut mill-garanzija tal-UE skont ir-Regolament (UE) 2021/523.

* Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).”;

(3) Fl-Artikolu 22(1), il-ħames subparagrafu huwa mħassar.

Artikolu 3

Emendi tar-Regolament (UE) 2021/695

Fl-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) 2021/695, jiżdied il-paragrafu li ġej:

- “3. Il-garanzija appoġġata mill-baġit tal-Unjoni u pprovduta mill-BEI permezz tal-Faċilità tad-Dejn tal-InnovFin stabbilita skont ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 tista’ tingħata biex tkopri operazzjonijiet ta’ finanzjament u ta’ investiment eliġibbli skont ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għall-finijiet ta’ kombinamenti kif imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/523 u tista’ tkopri t-telf tal-prodott finanzjarju li jkun fih l-operazzjonijiet ta’ finanzjament u ta’ investiment u li jkun kopert mill-appoġġ ikkombinat.

* Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Marzu 2021 li jstabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/523/oj>).”

Artikolu 4

Emendi tar-Regolament (UE) 2021/1153

Fl-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2021/1153, jiżdied il-paragrafu li ġej:

- “5. Il-garanzija appoġġata mill-baġit tal-Unjoni u pprovduta mill-BEI, permezz tal-Istrument tad-Dejn FNE stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013, tista' tingħata biex tkopri operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment eliġibbli skont ir-Regolament (UE) 2021/523 għall-finijiet ta' kombinamenti kif imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/523 u tista' tkopri t-telf b'rabta mal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti mill-appoġġ ikkombinat.”.

Artikolu 5
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
